Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0207

Talba għat-tneħħija tal-immunità ta’ Klára Dobrev

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ottubru 2025 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta’ Klára Dobrev (2024/2042(IMM))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta’ Klára Dobrev, imressqa fid-29 ta’ Awwissu 2024 mill-Qorti Distrettwali ta’ Budapest II u III b’rabta mal-proċedimenti kriminali mressqa kontriha permezz ta’ mozzjoni privata, u mħabbra fil-Parlament fis-16 ta’ Settembru 2024,

– wara li sema’ lil Klára Dobrev fid-29 ta’ Jannar 2025, skont l-Artikolu 9(6) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-20 ta’ Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b’vot dirett universali,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 4(2) tal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija,

– wara li kkunsidra s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-21 ta’ Ottubru 2008, fid-19 ta’ Marzu 2010, fis-6 ta’ Settembru 2011, fis-17 ta’ Jannar 2013, fid-19 ta’ Diċembru 2019

u fil-5 ta’ Lulju 2023[1],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 5(2), l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 9 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A10-0184/2025),

A. billi fid-29 ta’ Awwissu 2024, il-Qorti Distrettwali ta’ Budapest II u III ressqet talba għat-tneħħija tal-immunità parlamentari ta’ Klára Dobrev, Membru tal-Parlament Ewropew eletta fl-Ungerija, b’rabta mal-proċedimenti kriminali għal malafama mressqa kontriha minn parti privata li qed tħarrek;

B. billi, skont il-mozzjoni privata, fit-22 ta’ Frar 2024, Klára Dobrev ippowstjat fuq il-media soċjali ritratt li wera l-Prim Ministru tal-Ungerija u l-parti privata li qed tħarrek, flimkien ma’ kitba li kienet tgħid li l-parti privata li qed tħarrek hija “wkoll ħatja fi skandlu tal-pedofili”, każ li kien għaddej fl-Ungerija f’dak iż-żmien;

C. billi meta ppowstjat ir-ritratt, Klára Dobrev allegatament wettqet ir-reat ta’ malafama pubblika skont l-Artikolu 226(1) u l-Artikolu 226(2)(b) tal-Att C tal-2012 dwar il-Kodiċi Kriminali Ungeriż; billi skont l-Artikolu 231(2) tal-Kodiċi Kriminali Ungeriż, dan ir-reat jista’ jiġi kkastigat biss fil-kuntest ta’ mozzjoni privata;

D. billi Klára Dobrev ġiet eletta fl-elezzjonijiet Ewropej tal-2019 u kienet Membru tal-Parlament Ewropew fiż-żmien tal-allegat reat;

E. billi l-għan tal-immunità prevista fil-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea huwa li tipproteġi lill-Parlament u lill-Membri tiegħu minn proċedimenti ġudizzjarji relatati ma’ attivitajiet imwettqa fil-qadi tad-dmirijiet parlamentari u li ma jistgħux jiġu separati minn dawk id-dmirijiet;

F. billi, skont l-Artikolu 5(2) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu, fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu rigward il-privileġġi u l-immunitajiet, il-Parlament jaġixxi biex iħares l-integrità tiegħu bħala assemblea leġiżlattiva demokratika u biex jiżgura l-indipendenza tal-Membri

---

[1] Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta’ Ottubru 2008, *Marra* vs *De Gregorio u Clemente*, C 200/07 u C-201/07, ECLI:EU:C:2008:579; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta’ Marzu 2010, *Gollnisch* vs *Il-Parlament*, T-42/06, ECLI:EU:T:2010:102; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta’ Settembru 2011, *Patriciello*, C 163/10, ECLI:EU:C:2011:543; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta’ Jannar 2013, *Gollnisch* vs *Il-Parlament*, T-346/11 u T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta’ Diċembru 2019, *Junqueras Vies*, C-502/19, ECLI:EU:C:2019:1115; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta’ Lulju 2023, *Puigdemont i Casamajó et* vs *Il-Parlament*, T-272/21, ECLI:EU:T:2023:373.

tiegħu fil-qadi ta' dmirijiethom;

G. billi l-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea jipprovdii li l-Membri tal-Parlament Ewropew m'għandhom ikunu suġġetti għal ebda forma ta' investigazzjoni, detenzjoni jew proċedimenti ġudizzjarji, fir-rigward ta' opinjonijiet espressi jew voti mogħtija minnhom fil-qadi ta' dmirijiethom;

H. billi l-allegat reat u t-talba sussegwenti għat-tneħħija tal-immunità ta' Klára Dobrev ma jikkostitwux u mhumiex relatati ma' opinjoni espressa jew ma' vot mitfugħ minn Klára Dobrev fil-qadi ta' dmirijietha skont it-tifsira tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea;

I. billi l-Artikolu 9, l-ewwel paragrafu, il-punt (a), tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea jiddisponi li l-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom igawdu, fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lil membri tal-parlament tagħhom;

J. billi l-Artikolu 4(2) tal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija jipprovdi li l-membri tal-Parlament Ungeriż għandhom igawdu l-immunità parlamentari; billi, skont is-Sezzjoni 74(1) tal-Att Nru XXXVI tal-2012 dwar l-Assemblea Nazzjonali, proċedimenti kriminali jew, fil-każ ta' immunità li ma titneħħiex b'mod volontarju fir-rigward tal-każ inkwistjoni, jistgħu jinbdew jew jiġu segwiti proċedimenti ta' ksur u jistgħu jiġu applikati miżuri koerċittivi skont proċeduri kriminali kontra Membru biss bil-kunsens minn qabel tal-Assemblea Nazzjonali;

K. billi mill-ġurisdprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jirriżulta li l-Parlament għandu "setgħa diskrezzjonali wiesgħa fir-rigward tal-orjentazzjoni li kellu intenzjoni jagħti lid-deċiżjoni fir-rigward ta' talba għat-tneħħija tal-immunità [...], minħabba n-natura politika li għandha tali deċiżjoni"[1];

L. billi Klára Dobrev hija meqjusa bħala avversarju u kritiku pubbliku tal-Gvern Ungeriż; billi l-parti privata li qed tħarrek hija wkoll oħt l-ex President tal-Ungerija, li huwa membru tal-partit politiku fil-gvern; billi għalhekk jista' jiġi dedott li l-parti privata li qed tħarrek hija marbuta mal-eqreb ċrieki tal-awtoritajiet politiċi governattivi tal-Ungerija;

M. billi jidher li skont il-liġi Ungeriża, it-talbiet ta' malafama jistgħu jiġu segwiti kemm abbażi tal-liġi kriminali kif ukoll abbażi tal-liġi ċivili, b'differenzi sinifikanti fil-konsegwenzi legali possibbli korrispondenti, inkluż priġunerija; billi, f'dan il-każ, l-għażla li

---

1 Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2013, Gollnisch vs Il-Parlament, T-346/11 u T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23, il-paragrafu 59 u l-ġurisprudenza ċċitata.

titressaq azzjoni kriminali tqajjem dubji dwar l-objettiv li jiġi rrimedjat id-dannu reali għar-reputazzjoni u għalhekk tqajjem possibbiltà li l-għan tal-azzjoni jaqbeż dak l-objettiv leġittimu u huwa li jagħmel ħsara lir-reputazzjoni ta' Klára Dobrev bħala Membru tal-Parlament Ewropew;

N. billi fiż-żmien tal-fatti li wasslu għat-talba għat-tneħħija tal-immunità parlamentari tagħha, Klára Dobrev kienet membru tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament Ewropew li regolarment jittratta kwistjonijiet tal-liġi kriminali, inkluża l-protezzjoni tat-tfal u reati relatati bħall-pedofilija, u billi Klára Dobrev kienet qed tieħu pożizzjoni politika fl-attività tagħha bħala Membru tal-Parlament Ewropew u tkellmet regolarment kontra l-awtoritajiet politiċi ta' pajjiżha;

O. billi għalhekk jidher li, f'dan il-każ, wieħed jista' jassumi *fumus persecutionis*, jiġifieri hemm "evidenza konkreta"[1] li l-intenzjoni wara l-proċedimenti ġudizzjarji inkwistjoni hija li tiġi mminata l-attività politika ta' Klára Dobrev bit-talba għat-tneħħija tal-immunità;

P. billi, minn naħa il-Parlament ma jistax jitqies bħala qorti, u min-naħa l-oħra, il-Membru ma jistax, fil-kuntest ta' proċedura għat-tneħħija tal-immunità, jitqies bħala akkużat[2];

1. Jiddeċiedi li ma jneħħix l-immunità ta' Klára Dobrev;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-awtorità kompetenti tal-Ungerija u lil Klára Dobrev.

---

1 Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Settembru 2020, *Troszczynski* vs *Il-Parliament*, C-12/19, ECLI:EU:C:2020:725, paragrafu 26.

2 Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' April 2019, *Briois* vs *Il-Parlament*, T-214/18, ECLI:EU:T:2019:266.